Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

P9_TA(2021)0020

Akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd (2019/2187(INI))

(2021/C 456/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 9, 14, 148, 151, 153, 160 u 168 tiegħu u l-Protokoll 26 anness miegħu, dwar servizzi ta' interess ġenerali,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 25 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ta' Settembru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2014 lill-Kumitat,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) adottati minn mexxejja dinjija f'Settembru 2015 u approvati mill-Kunsill, b'mod partikolari l-SDG 11 dwar bliet u komunitajiet sostenibbli, u l-SDG 3 dwar l-iżgurar ta' ħajjiet f'saħħithom u l-promozzjoni tal-benessri għal kulħadd f'kull età,

— wara li kkunsidra l-Karta ta' Ġinevra tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni Sostenibbli u l-għan tagħha li "tiżgura aċċess għal akkomodazzjoni diċenti, adegwata, affordabbli u tajba għas-saħħa għal kulħadd ([1])",

— wara li kkunsidra l-linji gwida tad-WHO dwar l-Akkomodazzjoni u s-saħħa tal-2018 "Rakkomandazzjonijiet biex tiġi promossa akkomodazzjoni tajba għas-saħħa għal futur sostenibbli u ekwu ([2])",

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) ipproklamat mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017, u b'mod partikolari l-prinċipju 19 tiegħu, "Akkomodazzjoni u assistenza għal persuni mingħajr dar", u l-prinċipju 20 "Aċċess għal servizzi essenzjali",

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 dwar id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-Artikolu 31 dwar id-dritt għall-akkomodazzjoni, u l-Artikolu 16 dwar id-dritt tal-familja għall-protezzjoni soċjali, legali u ekonomika,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tas-Sħubija għall-Akkomodazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE tal-2018 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Urbana Ġdida adottata f'Ottubru 2016 fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Abitazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III), li ssir kull 20 sena,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-Taskforce ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa 2018 ([4]),

([1]) https://www.unece.org/fileadmin/DAM/hlm/charter/Language_versions/ENG_Geneva_UN_Charter.pdf
([2]) https://www.who.int/publications/i/item/who-housing-and-health-guidelines
([3]) https://ec.europa.eu/futurium/en/system/files/ged/final_action_plan_euua_housing_partnership_december_2018_1.pdf
([4]) Rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa: "Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe (Spinta lill-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa) minn Lieve Fransen, Gino del Bufalo u Edoardo Reviglio (Jannar 2018).

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-2017 bit-titolu "Lejn Aġenda Ewropea għall-Abitazzjoni" ([5]),

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-2016 minn Eurocities dwar l-għajnuna mill-Istat u s-servizzi pubbliċi lokali ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikat finali tad-19-il laqgħa informali tal-ministri tal-UE għall-akkomodazzjoni li saret fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2013 ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-2014 tas-sindki tal-bliet il-kbar Ewropej dwar id-dritt għall-akkomodazzjoni ([8]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 bit-titolu "Taking stock of the 2013 Recommendation on 'Investing in children: breaking the cycle of disadvantage'" (Rendikont tar-Rakkomandazzjoni tal-2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ") (SWD(2017)0258),

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-30 ta' Diċembru 2015 dwar l-akkomodazzjoni adegwata bħala element tad-dritt għal livell ta' għajxien adegwat, u dwar id-dritt għal nondiskriminazzjoni f'dan il-kuntest (A/HRC/31/54) ([9]), li janalizza l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala kriżi globali tad-drittjiet tal-bniedem li titlob rispons globali urġenti,

— wara li kkunsidra l-Pakkett ta' Investimenti Soċjali tal-Kummissjoni tal-2013,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 dwar "L-Investiment fit-Tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" (2013/112/UE),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 bit-titolu "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020" (COM(2011)0173) u r-rapporti sussegwenti ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa" (COM(2011)0900),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja" (COM(2020)0662),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntiera u staġjonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro ([13]),

---

([5]) https://dmsearch.cor.europa.eu/search/opinion
([6]) http://nws.eurocities.eu/MediaShell/media/EUROCITIES%20statement%20on%20 state%20aid%20and%20local%20public%20%20services_16%2001%202016%20final.pdf
([7]) http://www.iut.nu/wp-content/uploads/2017/07/Housing-Ministers%C2%B4-Communiqu%C3%A9.pdf
([8]) https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/resources/docs/resolution-for-social-housing-in-europe.pdf
([9]) https://ap.ohchr.org/documents/dpage_e.aspx?si=A/HRC/31/54
([10]) Testi adottati, P9_TA(2020)0194.
([11]) Testi adottati, P9_TA(2020)0176.
([12]) Testi adottati, P9_TA(2020)0005.
([13]) Testi adottati, P9_TA(2019)0033.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 dwar il-kriminalità finanzjarja, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tax-taxxa ([14]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar is-"Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019" ([15]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020 ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi ([17]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar ([18]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD ([19]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar ir-"Rifuġjati: inklużjoni soċjali u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol" ([20]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva tas-sessi ([21]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2016 dwar l-ilħuq tal-mira tal-ġlieda kontra l-faqar fid-dawl tal-ispejjeż li qed jiżdiedu għall-familji ([22]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal ([23]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-komunitajiet emarġinati ([24]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar ([25]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ([26]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti tas-26 ta' Diċembru 2019 dwar Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tad-Dritt għal Akkomodazzjoni Adegwata tar-Rapporteur Speċjali dwar l-akkomodazzjoni adegwata bħala element tad-dritt għal livell ta' għajxien adegwat, u dwar id-dritt għal nondiskriminazzjoni f'dan il-kuntest,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-31 ta' Marzu 2010 dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru,

---

([14]) Testi adottati, P8_TA(2019)0240.
([15]) Testi adottati, P8_TA(2019)0202.
([16]) Testi adottati, P9_TA(2020)0156.
([17]) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 89.
([18]) ĠU C 346, 27.9.2018, p. 156.
([19]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 138.
([20]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 2.
([21]) ĠU C 76, 28.2.2018, p. 93.
([22]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 192.
([23]) ĠU C 366, 21.10.2017, p. 19.
([24]) ĠU C 366, 21.10.2017, p. 31.
([25]) ĠU C 482, 23.12.2016, p. 141.
([26]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 40.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ II ta' Mejju 2020 dwar l-LGBTI, imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Housing for all" (Akkomodazzjoni għal kulħadd) ([27]),

— wara li kkunsidra l-Istudju tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Legal gender recognition in the EU: the journeys of trans people towards full equality" (Rikonoxximent legali tal-ġeneru fl-UE: il-vjaġġi tal-persuni trans lejn ugwaljanza sħiħa) ([28]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0247/2020),

A. billi l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata huwa dritt fundamentali li jrid jitqies bħala prerekwiżit għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali l-oħra, u l-aċċess għalihom, u għal ħajja dinjituża; billi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiddefinixxu l-politika tal-akkomodazzjoni tagħhom stess u li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dan id-dritt fundamentali jiġi rrispettat fis-swieq tal-akkomodazzjoni tagħhom;

B. billi, kif iddikjarat fl-Artikolu 151 TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u fil-Karta Komunitarja tal-1989 tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandhom bħala l-objettiv tagħhom il-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-għan ta' livell għoli ta' impjieg għal żmien twil u l-ġlieda kontra l-esklużjoni;

C. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom obbligu li jiżguraw l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd, f'konformità mad-drittijiet fundamentali bħall-Artikoli 16, 30 u 31 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

D. billi, skont l-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, b'mod konformi mat-Trattati, sabiex tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni; billi s-servizzi ta' interess ġenerali huma kklassifikati bħala tali mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, u għalhekk huma soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku; billi dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti mill-Istat jew mis-settur privat; billi dawn is-servizzi jinkludu l-akkomodazzjoni soċjali bħala servizz soċjali ta' interess ġenerali; billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' ċittadini vulnerabbli, f'konformità mal-prinċipji tas-solidarjetà u l-aċċess ugwali; billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa tiggarantixxi aċċess għal servizzi essenzjali għaċ-ċittadini kollha u tippromwovi l-kwalità fil-qasam tas-servizzi soċjali;

E. billi l-SDG 11 jitlob li jkun hemm miri speċifiċi għall-2030 biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu aċċess għal akkomodazzjoni u servizzi bażiċi adegwati, sikuri u affordabbli, biex jittejbu l-kwartieri foqra kif ukoll l-urbanizzazzjoni inklużiva u sostenibbli u l-kapaċità għall-ippjanar u l-ġestjoni parteċipattivi, integrati u sostenibbli fir-rigward tal-insedjamenti umani fil-pajjiżi kollha;

F. billi għadd dejjem akbar ta' persuni b'introjtu baxx u medju li jgħixu fl-UE għandhom diffikultà biex jaffordjaw akkomodazzjoni, filwaqt li huma mgħobbija żżejjed bi spejjeż ta' akkomodazzjoni u manutenzjoni, jgħixu f'akkomodazzjonijiet fejn hemm tħassib dwar is-sikurezza, li mhumiex tajbin għas-saħħa, ta' kwalità baxxa, inaċċessibbli, ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija jew iffullati żżejjed, jew huma mingħajr dar jew fir-riskju ta' evizzjoni;

G. billi żieda fi proġetti ta' akkomodazzjoni kompluti ma ttejjibx b'mod sinifikanti l-aċċess għall-akkomodazzjoni għal dawk li l-introjtu tagħhom huwa baxx wisq biex ikunu jistgħu jaffordjaw il-kirjiet tas-suq, u għoli wisq biex jagħmilhom eliġibbli għal akkomodazzjoni soċjali; billi din il-problema taffettwa b'mod partikolari lill-ġenituri waħedhom, lil dawk b'familji kbar u liż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol;

([27]) https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2019/000003_mt
([28]) https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/legal_gender_recognition_in_the_eu_the_ journeys_of_trans_people_towards_full_equality_web.pdf

H. billi skont l-istimi tal-Eurofound, l-akkomodazzjonijiet inadegwati jiswew lill-ekonomiji tal-UE EUR 195 biljun fis-sena ([29]); billi, fl-2018, 17,1 % tal-abitanti tal-UE kienu jgħixu f'abitazzjonijiet iffullati ([30]); billi, fl-UE, 28,5 % taż-żgħażagħ li għandhom bejn 25 u 34 sena jgħixu mal-ġenituri tagħhom; billi din iċ-ċifra hija influwenzata minn diversi fatturi, l-aktar fatturi soċjoekonomiċi kif ukoll id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni ([31]); billi aktar minn żewġ terzi tal-popolazzjoni globali se jkunu qed jgħixu fil-bliet sal-2030 ([32]);

I. billi l-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE li nefqet aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħha fuq l-akkomodazzjoni bejn l-2010 u l-2018 kien ta' 10,2 % għalkemm ġew irreġistrati differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri tal-UE;

J. billi l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni qed jiżdiedu b'mod kostanti kull sena u b'rata aktar mgħaġġla mill-introjtu disponibbli; billi l-akkomodazzjoni issa hija l-ogħla nefqa għaċ-ċittadini Ewropej;

K. billi s-suq tal-akkomodazzjoni huwa stmat li jiġġenera madwar EUR 25 triljun, u għalhekk huwa strumentali fil-ħolqien tal-impiegi u forza li tixpruna l-attività ekonomika, filwaqt li jinfluwenza l-mobilità tal-ħaddiema, l-effiċjenza enerġetika, id-domanda u r-reżiljenza tal-infrastruttura, it-trasport sostenibbli u l-iżvilupp urban, fost ħafna affarijiet oħra;

L. billi l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għal sidien u kerrejja b'introjtu baxx iddeterjoraw f'dawn l-aħħar deċennji; billi kważi 38 % tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar nefqu aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħhom fuq l-akkomodazzjoni; billi l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar fl-UE jiżdied għal 156 miljun ruħ jekk jitqiesu l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni;

M. billi l-ispejjeż tal-kera fl-UE żdiedu matul l-aħħar għaxar snin, u l-prezzijiet tad-djar żdiedu wkoll fi 22 Stat Membru bejn l-2007 u l-2019;

N. billi l-aħħar evidenza miġbura wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 tindika li fuq terminu medju, ir-reċessjoni ekonomika u t-telf ta' impjiegi jistgħu jkomplu jżidu l-piż eċċessiv tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u r-rati ta' persuni mingħajr dar fl-UE;

O. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni taffettwa b'mod aktar serju ż-żoni urbani f'ħafna Stati Membri, fejn sar diffiċli li tinstab akkomodazzjoni affordabbli bi prezzijiet tas-suq, inkluż għal familji b'introjtu medju;

P. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni qed isseħħ kemm fil-pajjiżi sinjuri kif ukoll f'dawk anqas sinjuri, u dan iwassal għall-esklużjoni soċjali u s-segregazzjoni spazjali; billi l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli huwa aktar diffiċli għall-gruppi vulnerabbli, bħall-ħaddiema foqra, in-nisa, iż-żgħażagħ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ qiegħda, il-ġenituri waħedhom, il-familji kbar, l-anzjani, speċjalment dawk li jgħixu waħedhom, il-persuni LGBTIQ, il-migranti, ir-rifuġjati, il-persuni b'diżabilità, il-persuni b'mard fiżiku jew psikjatriku, il-persuni minn komunitajiet emarġinati, inklużi r-Rom;

Q. billi l-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-insigurtà fir-rigward tal-akkomodazzjoni, id-dejn eċċessiv, u r-riskju ta' evizzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u wriet is-sitwazzjonijiet prekarji ta' ħafna persuni, speċjalment l-anzjani, iżda wkoll tal-ħaddiema migranti u l-ħaddiema staġjonali, li ma għandhomx aċċess għal akkomodazzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-saħħa u dawk tat-tbegħid soċjali;

R. billi l-istħarriġ dwar il-COVID-19 tal-Eurofound wera li f'April tal-2020, 38 % ta' dawk li wieġbu kienu diġà raw is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tmur għall-agħar, u 47 % ([33]) irrappurtaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja – ċifra li żdiedet għal 87 % fost l-individwi qiegħda; billi fosthom, kważi 30 % diġà kellhom arretrati fir-rigward ta' pagamenti tal-kontijiet ta' utilitajiet u 22 % fir-rigward ta' pagamenti ta' kera jew ipoteka, b'wieħed minn kull ħamsa mbeżża' għall-istabbiltà tal-akkomodazzjoni tiegħu minħabba arretrati tal-kera; billi r-riċerka tal-Eurofound uriet li fl-2016, 14 % tan-nies fl-UE28 irrappurtaw li kellhom arretrati minħabba li ma setgħux jagħmlu pagamenti kif skedat

([29]) https://www.eurofound.europa.eu/news/news-articles/inadequate-housing-is-costing-europe-eu194-billion-per-year
([30]) https://ec.europa.eu/eurostat/cache/digpub/housing/index.html?lang=en
([31]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/EDN-20190514-1
([32]) https://www.un.org/en/events/citiesday/assets/pdf/the_worlds_cities_in_2018_ data_booklet.pdf
([33]) https://www.eurofound.europa.eu/publications/report/2020/addressing-household-over-indebtedness

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

fir-rigward ta' kera jew ipoteki, kreditu għall-konsumatur, self mingħand ħbieb jew familja, jew kontijiet ta' utilitajiet jew tat-telefon; billi 21 % jinsabu f'riskju ta' dejn eċċessiv jekk jiġi inkluż il-proporzjon ta' persuni b'diffikultajiet (jew diffikultajiet kbar) biex ilaħħqu mal-ħajja, iżda mingħajr arretrati (s'issa);

S. billi l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt devastanti fuq is-suq tax-xogħol Ewropew, li skont l-istimi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol jikkorrispondi, fit-tieni trimestru tal-2020, għal telf ta' sigħat tax-xogħol ekwivalenti għal 44 miljun impjieg full-time; billi l-kriżi tal-COVID-19 aggravat is-sitwazzjoni tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-karità li tradizzjonalment jgħinu lil persuni f'sitwazzjonijiet diffiċli ta' akkomodazzjoni jew tal-ħajja, u wasslet għal inċertezza dwar jekk jistgħux ikomplu jipprovdu s-servizzi tagħhom;

T. billi l-evizzjonijiet sfurzati huma ddefiniti bħala t-tneħħija permanenti jew temporanja kontra r-rieda tagħhom ta' individwi, familji u/jew komunitajiet mid-djar u/jew mill-art li jokkupaw, mingħajr il-provvista ta' forom xierqa ta' protezzjoni legali jew protezzjoni oħra, jew l-aċċess għalihom, li huma konformi mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-evizzjonijiet sfurzati ilhom żmien twil rikonoxxuti bħala ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem;

U. billi n-nuqqas ta' akkomodazzjoni xierqa jikkostitwixxi sfida serja għal ħafna ċittadini fl-UE; billi attwalment ma hemm l-ebda ċifra preċiża dwar in-numru ta' persuni mingħajr dar fl-UE, u data miġbura b'mod rigoruż tikkostitwixxi l-bażi ta' kwalunkwe politika pubblika effettiva;

V. billi r-rati ta' persuni mingħajr dar żdiedu tul dawn l-aħħar għaxar snin f'bosta Stati Membri minħabba żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-impatt tal-kriżi ekonomika, u politiki sussegwenti, inkluż l-iffriżar jew it-tnaqqis tal-programmi u l-benefiċċji soċjali;

W. billi l-programm "Housing First" (l-Akkomodazzjoni l-Ewwel) huwa strateġija integrata fil-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar li jikkombina l-akkomodazzjoni ta' appoġġ ma' servizzi soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għall-persuni mingħajr dar; billi l-adozzjoni tal-prinċipji tiegħu mill-Istati Membri tista' tgħin b'mod sinifikanti biex titnaqqas il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

X. billi l-Prinċipju 19 tal-EPSR jindirizza l-assistenza għall-akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; billi l-Kummissjoni ħabbret li se tippreżenta pjan ta' azzjoni biex timplimentah sa Frar 2021; billi l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija ksur tad-dritt għal akkomodazzjoni xierqa u ta' għadd ta' drittijiet tal-bniedem oħra inkluż id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, is-saħħa, l-ilma u s-sanità, is-sigurtà tal-persuna, u l-libertà minn trattament krudili, degradanti u inuman ([34]), u għalhekk hija fundamentalment irrikonċiljabbli mal-objettivi tal-UE ta' progress soċjali u l-mudell soċjali tagħha; billi l-persuni mingħajr dar u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni informali ta' spiss ikunu soġġetti għal kriminalizzazzjoni, fastidju, stigmatizzazzjoni, esklużjoni soċjali u trattament diskriminatorju minħabba l-istatus ta' akkomodazzjoni tagħhom; billi ta' spiss jiġu miċħuda wkoll l-aċċess għall-faċilitajiet sanitarji, jiġu arrestati u sfurzati joħorġu mill-komunitajiet, u jkunu soġġetti għal forom estremi ta' vjolenza; billi l-istennija tal-għomor ta' persuni mingħajr dar hija konsiderevolment aktar baxxa milli għall-popolazzjoni ġenerali;

Y. billi d-definizzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar għandha tinkludi kemm l-aspett materjali tagħha (in-nuqqas ta' akkomodazzjoni minima adegwata) kif ukoll l-aspett soċjali tagħha (post sigur biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet familjari jew soċjali, u biex wieħed jieħu sehem fil-ħajja komunitarja u jgħix ħajja b'dinjità) ([35]); billi l-kriżi tal-COVID-19 uriet li l-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija kwistjoni ta' saħħa pubblika, u li jistgħu jinstabu soluzzjonijiet, pereżempju billi jiġu pprovduti akkomodazzjonijiet temporanji u jitpoġġa moratorju fuq l-evizzjonijiet, miżuri li ġew implimentati f'diversi Stati Membri;

Z. billi l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar qed tiżdied f'mill-anqas 24 Stat Membru; billi fi kwalunkwe lejl partikolari fl-Unjoni Ewropea 700 000 persuna mingħajr dar iridu jorqdu fi djar ta' kenn jew fit-triq, żieda ta' 70 % f'dawn l-aħħar 10 snin;

([34]) Rapport finali tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Dritt għal Akkomodazzjoni Adegwata, p. 3.

([35]) Ir-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-akkomodazzjoni adegwata bħala element tad-dritt għal livell ta' għajxien adegwat, u dwar id-dritt għal nondiskriminazzjoni f'dan il-kuntest, A/HRC/31/54.

AA. billi hemm nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali affordabbli u akkomodazzjoni aċċessibbli; billi 9,6 % tal-popolazzjoni tal-UE-27 tgħix f'unitajiet domestiċi li jonfqu 40 % jew aktar tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat tagħhom fuq l-akkomodazzjoni ([36]); billi l-piż tal-ispiża tal-akkomodazzjoni huwa akbar għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li r-rata ta' piż żejjed tal-akkomodazzjoni hija ta' 12,5 % għall-persuni b'diżabilità meta mqabbla ma' 9,9 % għal dawk mingħajr l-ebda diżabilità;

AB. billi l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni trid titqies fir-relazzjoni ġenerali tagħha mal-mudelli u l-iżviluppi tal-introjtu, kif ukoll mal-ġustizzja distributtiva u ż-żidiet eċċessivi fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, u għandha dimensjoni ċara tal-ġeneru; billi l-fallimenti tas-suq tal-akkomodazzjoni jipperikolaw il-koeżjoni soċjali fl-Ewropa, iżidu l-għadd ta' persuni mingħajr dar u l-faqar, u jaffettwaw il-fiduċja fid-demokrazija; billi, sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi kollha, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali jridu jkunu jistgħu jadottaw politiki ta' akkomodazzjoni adegwati, inklużi miżuri ta' għajnuna mill-Istat, sabiex joħolqu kundizzjonijiet u appoġġ għal investimenti f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli;

AC. billi l-livell ta' nfiq pubbliku fuq in-nefqa relatata mal-akkomodazzjoni soċjali fl-Ewropa jvarja fost il-pajjiżi, b'xi pajjiżi jpoġġu aktar enfasi fuq l-appoġġ tal-akkomodazzjoni pubblika minn oħrajn; billi, madankollu, il-ħtieġa ta' akkomodazzjoni soċjali żdiedet mill-kriżi finanzjarja tal-2008, billi l-individwi b'introjtu aktar baxx jiffaċċjaw pressjonijiet finanzjarji akbar fir-rigward tal-akkomodazzjoni; billi pajjiżi li japplikaw mudell universalistiku ta' akkomodazzjoni soċjali għandhom it-tendenza li jkollhom setturi kbar tal-akkomodazzjoni għall-kiri, ilkoll bl-għan globali li jippromwovu t-taħlit soċjali u jipprevjenu s-segregazzjoni bbażata fuq fatturi soċjoekonomiċi ([37]);

AD. billi, fl-2018, il-prezzijiet tad-djar għolew fi kważi kull Stat Membru meta mqabbla mal-2015; billi fl-aħħar tliet snin il-prezzijiet tad-djar fl-UE għolew b'medja ta' 5 %;

AE. billi l-investiment pubbliku fl-akkomodazzjoni soċjali naqas fis-snin reċenti; billi l-infiq fuq l-akkomodazzjoni soċjali (trasferimenti u kapital) mill-gvernijiet jirrappreżenta biss 0,66 % tal-PDG Ewropew, li huwa baxx meta mqabbel ma' livelli storiċi riċenti u xejra 'l isfel;

AF. billi l-istokk ta' akkomodazzjoni tal-UE qed jikber b'mod sistematiku, iżda n-nuqqas ta' akkomodazzjoni jibqa' problema sinifikanti;

AG. billi 10,3 % tal-persuni fl-UE huma mgħobbija żżejjed bl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni;

AH. billi kundizzjonijiet inadegwati tal-akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar jaffettwaw b'mod negattiv mhux biss is-saħħa fiżika u mentali, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tan-nies, iżda wkoll l-aċċess tagħhom għall-impjieg u l-aċċess tagħhom għal servizzi ekonomiċi u soċjali oħra;

AI. billi l-aċċess għall-faċilitajiet ta' rikreazzjoni, iċ-ċentri komunitarji, il-parks u l-ispazji ekoloġiċi jħalli wkoll impatt pożittiv fuq il-kundizzjoni tal-għajxien; billi l-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali għandhom jappoġġjaw ukoll il-bini ta' infrastruttura aktar fiżika bbażata fil-komunità (ċentri komunitarji, faċilitajiet sportivi, eċċ.) u biex il-programmi komunitarji jkomplu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies;

AJ. billi d-WHO identifikat l-akkomodazzjoni bħala settur ewlieni għal azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa ([38]); billi 2,1 % taċ-ċittadini Ewropej ma għandhomx kamra tal-banju, doċċa jew faċilitajiet sanitarji fuq ġewwa fl-abitazzjonijiet tagħhom; billi ħafna minn dawn iċ-ċittadini jgħixu f'ħames Stati Membri: ir-Rumanija (27,7 %), il-Bulgarija (15,3 %), il-Litwanja (10,6 %), il-Latvja (9,9 %) u l-Estonja (5,3 %) ([39]); billi ż-żoni rurali sofrew b'mod partikolari minn nuqqas ta' investiment fl-aċċess għas-sanità u utilitajiet bażiċi oħra; billi fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni Ewropew għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

([36]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Housing_statistics&oldid=497245#Housing_affordability

([37]) Il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, Inugwaljanzi fl-akkomodazzjoni fl-Ewropa, 2017, p. 34.

([38]) https://www.who.int/social_determinants/Guidance_on_pro_equity_linkages/en/

([39]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/EDN-20191119-1

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

AK. billi, skont il-Kummissjoni, l-unitajiet domestiċi bit-tfal huma ġeneralment f'riskju ogħla ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni serja, u l-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika li hija ffullata żżejjed huwa ogħla għat-tfal li jgħixu fil-faqar milli għall-popolazzjoni ġenerali; billi n-nuqqas ta' aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali huwa ostaklu għat-tfal li ġejjin minn familji b'introjtu baxx ikkawżat minn provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni soċjali, li jwassal għal ħinijiet twal ta' stennija; billi akkomodazzjoni msaħħna kif xieraq b'ilma sikur u sanità u l-akkomodazzjoni inġenerali hija element ewlieni għas-saħħa, il-benessri, it-tkabbir u l-iżvilupp tat-tfal; billi akkomodazzjoni adegwata tiffavorixxi wkoll it-tagħlim u l-istudju tat-tfal ([40]);

AL. billi l-faqar enerġetiku huwa pjaga persistenti, li taffettwa lil miljuni ta' nies fl-UE, u billi l-COVID-19 qed tapprofondixxi din il-kriżi, b'konfinament li jwassal għal żieda fil-konsum u l-kontijiet tal-enerġija; billi, barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-COVID-19, għadd kbir ta' ħaddiema tilfu l-impjieg tagħhom jew parti mill-introjtu tagħhom, minkejja l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju u l-iskemi ta' xogħol għal żmien qasir li ġew introdotti mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u appoġġjati mill-UE; billi l-allowances għall-akkomodazzjoni u s-sussidji għall-kera ta' spiss ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni reali u, f'xi pajjiżi, kriterji stretti ħafna jipprevjenu aċċess għal allowances għall-akkomodazzjoni għal gruppi vulnerabbli;

AM. billi s-soċjetajiet qed jixjieħu u għaddejjin minn tibdil demografiku; billi l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni jinbidlu skont l-età f'konformità mal-bidliet fl-istil ta' ħajja jew tas-sitwazzjoni tal-familja; billi l-ostakli għall-akkomodazzjoni jinkludu n-nuqqas ta' aċċessibbiltà, is-solitudni, it-tħassib dwar is-sikurezza u l-ispejjeż ta' manutenzjoni;

AN. billi l-abitazzjonijiet għandhom ikunu sikuri, komdi u faċli biex jinżammu, li lkoll huma partikolarment importanti għall-anzjani;

AO. billi l-effiċjenza fl-enerġija tal-istokk ta' akkomodazzjoni għandha impatt dirett fuq il-faqar enerġetiku u l-ispejjeż ta' manutenzjoni; billi s-suq tal-gass u tal-enerġija huwa wieħed mis-setturi l-aktar profittabbli fid-dinja, għalkemm kważi 7 % tal-unitajiet domestiċi fl-UE ma jistgħux iħallsu l-kontijiet tas-servizzi tagħhom ([41]); billi familji b'introjtu aktar baxx iħallsu wkoll aktar għall-enerġija; billi l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni jista' jkollha rwol importanti fl-iffrankar tal-enerġija, it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-konsum tal-enerġija, u għalhekk tgħin biex jittaffa l-faqar enerġetiku u jittejbu l-kumdità u l-kundizzjonijiet sanitarji u tal-għajxien għal kulħadd;

AP. billi d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE sal-2050 hija objettiv komuni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u l-enerġija li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini hija waħda mill-kawżi ewlenin tagħha; billi, permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tagħmel il-bini aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

AQ. billi f'aktar minn nofs l-Istati Membri tal-UE issa hemm aktar minn 500 abitazzjoni għal kull 1 000 abitant; billi din iċ-ċifra hija l-ogħla f'pajjiżi li huma destinazzjonijiet turistiċi, fejn djar għall-vaganzi mibnija biex jintużaw għal vaganzi matul l-istaġun l-aktar popolari mat-turisti f'hotspots turistiċi ma jgħinux biex jissodisfaw il-ħtiġijiet usa' tal-akkomodazzjoni tas-soċjetà ([42]);

AR. billi r-rifuġjati, dawk li jfittxu l-asil, il-migranti, b'mod speċjali dawk li mhumiex dokumentati, il-persuni spostati internament, il-persuni apolidi, il-persuni b'diżabilità, it-tfal u ż-żgħażagħ, il-persuni indiġeni, in-nisa, il-persuni LGBTIQ, il-persuni akbar fl-età u l-membri ta' minoranzi razzjali, etniċi u reliġjużi huma rappreżentati b'mod sproporzjonat fost dawk li jgħixu mingħajr dar, f'akkomodazzjoni informali jew akkomodazzjoni mhux adegwata, u ħafna drabi huma relagati għaż-żoni l-aktar marġinali u mhux sikuri; billi l-persuni msemmija hawn fuq ta' spiss jesperjenzaw ukoll diskriminazzjoni intersettorjali b'riżultat tal-istatus tal-akkomodazzjoni tagħhom; billi fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

AS. billi l-Kummissjoni adottat l-ewwel Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-Persuni LGBTIQ tagħha fit-12 ta' Novembru 2020;

([40]) Studju ta' fattibbiltà għal Garanzija għat-Tfal: Karta ta' Diskussjoni tal-Grupp fil-Mira dwar it-Tfal li jgħixu f'Sitwazzjonijiet Prekarji fil-Familja

([41]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200120-1

([42]) https://www.oecd.org/els/family/HM1-1-Housing-stock-and-construction.pdf

AT. billi l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa rrakkomanda lill-Istati Membri fir-rakkomandazzjoni CM/Rec(2010) 5 li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata jkun jista' jitgawda b'mod effettiv u ugwali mill-persuni kollha, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru; billi huwa rrakkomandat ukoll li għandha tingħata attenzjoni xierqa lir-riskji tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar esperjenzati minn persuni LGBTIQ, inklużi ż-żgħażagħ u t-tfal li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali, inkluż mill-familji tagħhom stess;

AU. billi l-istudju tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent legali tal-ġeneri fl-UE jenfasizza d-diskriminazzjoni kontra persuni trans u li ma jikkonformawx mal-ġeneru fl-aċċess għas-suq tad-akkomodazzjoni, inkluż li jitilfu djarhom minħabba r-rekwiżit tad-divorzju ta' xi proċessi ta' rikonoxximent tal-ġeneri fl-UE; billi l-aċċess għar-rikonoxximent legali tal-ġeneri jżid il-probabbiltà tal-persuni trans li jsibu akkomodazzjoni f'każijiet fejn id-dokumenti tagħhom ikunu meħtieġa jaqblu mal-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

AV. billi l-Kummissjoni għandha għadd sostanzjali ta' kompetenzi relatati mas-suq tal-akkomodazzjoni, inklużi s-superviżjoni bankarja, il-politika monetarja, is-self, u l-kreditu ipotekarju, inklużi r-regoli ta' trażżin u s-saldu tad-dejn, kif ukoll il-kapaċità ta' intervent fil-każ ta' bżieżaq finanzjarji, l-ispiża pubblika tal-finanzjament soċjali tad-akkomodazzjoni u s-self mhux produttiv (NPLs); billi skont il-Protokoll 26 tat-TFUE, it-twettiq ta' servizzi ta' kompiti ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI), bħall-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, għandu jkun ibbażat fuq kompiti speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew f'livell lokali li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-appoġġ proporzjonali għall-akkomodazzjoni u l-komunitajiet;

AW. billi l-akkwisti spekulattivi tal-akkomodazzjonijiet u l-artijiet għandhom rwol prominenti fiż-żieda kontinwa tal-prezzijiet tal-akkomodazzjoni; billi tista' tiġi osservata żieda qawwija u kontinwa fil-prezzijiet tad-djar u l-kirjiet tas-suq b'mod partikolari fi bliet u żoni urbani u suburbani;

AX. billi l-evizzjonijiet sfurzati huma ddefiniti bħala t-tneħħija permanenti jew temporanja kontra r-rieda tagħhom ta' individwi, familji u/jew komunitajiet mid-djar u/jew mill-art li jokkupaw, mingħajr il-provvista ta' forom xierqa ta' protezzjoni legali jew protezzjoni oħra, jew l-aċċess għalihom, li huma konformi mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-evizzjonijiet sfurzati ilhom żmien twil rikonoxxuti bħala ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem;

Il-kisba ta' akkomodazzjoni adegwata, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tajba għas-saħħa

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-dritt għal akkomodazzjoni adegwata jkun rikonoxxut u infurzabbli bħala dritt fundamentali tal-bniedem permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi Ewropej u nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għal kulħadd għal akkomodazzjoni diċenti, inkluż ilma tax-xorb nadif u ta' kwalità għolja, sanità u iġjene adegwati u ekwi, konnessjoni ma' networks tad-drenaġġ u tal-ilma, ambjent ta' ġewwa ta' kwalità għolja u għal enerġija affordabbli, affidabbli u sostenibbli għal kulħadd, u b'ħekk jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar fil-forom kollha tiegħu, filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tal-unitajiet domestiċi żvantaġġati u jappoġġjaw l-aktar gruppi vulnerabbli, sabiex jiġu protetti s-saħħa u l-benessri tagħhom;

2. Jafferma mill-ġdid it-talba tiegħu biex tittieħed azzjoni fl-UE kollha għal moratorju fuq l-iskonnessjoni mit-tisħin fix-xitwa, u jitlob biex tiġi introdotta tregwa fix-xitwa; jikkundanna l-evitar tal-moratorju billi t-tisħin ma jiġix konness fil-ħarifa, li għalhekk irendi l-moratorju ineffettiv; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fornituri tal-elettriku jadottaw skemi ta' protezzjoni biex jiggarantixxu l-provvista tal-enerġija domestika lil dawk l-aktar fil-bżonn, ladarba l-aċċess għal servizzi ta' utilità bażiċi bħall-ilma, l-elettriku u s-sanità huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

3. Jitlob li jiġu introdotti fil-livell tal-UE rekwiżiti obbligatorji minimi għal djar tajbin għas-saħħa, inkluża l-kwalità tal-arja fuq ġewwa, li jkunu tal-anqas allinjati mal-linji gwida tad-WHO; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mar-regoli bażiċi tas-sanità pubblika u tas-saħħa pubblika u jinfurzawhom, kif ukoll mal-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar akkomodazzjoni, saħħa u temperatura adegwati u biex jikkondividu l-aħjar prattiki u riflessjonijiet imwettqa fil-livell nazzjonali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-emissjonijiet u lill-effiċjenza fl-użu enerġija permezz tar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet; jappoġġja l-enfasi tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-bini bl-agħar rendiment fl-użu tal-enerġija, f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta għal ekonomija newtrali għall-klima li ma tħalli lil ħadd jibqa'

lura; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-akkomodazzjoni soċjali, lid-djar b'ġenituri waħedhom u l-binjiet b'aktar minn appartament wieħed okkupati mis-sidien, kif ukoll lill-indirizzar tal-akkomodazzjonijiet inadegwati u tal-aċċessibbiltà għall-akkomodazzjoni; jisħaq, għalhekk, li l-kerrejja u s-sidien okkupanti għandhom ikunu infurmati u involuti b'mod sħiħ fi proġetti ta' rinnovazzjoni u ma għandux ikollhom żieda fl-ispejjeż ġenerali minħabba f'hekk;

5. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu kampanji għall-iffrankar tal-enerġija; jissottolinja r-rwol li għandhom l-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (MEPS) biex jistimulaw il-volum u l-firxa tar-rinnovazzjoni f'bini bl-aqħar rendiment fl-użu tal-enerġija, u jilqa' l-pjan fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex jiġu introdotti standards minimi obbligatorji tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini eżistenti fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttivi dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u r-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;

6. Jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni biex tiffinanzja soluzzjonijiet għal familji b'introjtu baxx; jilqa' l-mudell tan-newtralità tal-ispiża tal-akkomodazzjoni (li jinvolvi kera, spejjeż tal-enerġija u operattivi, u taxxi lokali) peress li jikkombina għanijiet soċjali u klimatiċi u jipprevjeni "rinnovizzjonijiet" (evizzjonijiet minħabba li bini jeħtieġ rinnovazzjoni fuq skala kbira), filwaqt li jiżgura li ż-żidiet fil-kera jkunu bbilanċjati b'mod sħiħ minn iffrankar tal-enerġija; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-inkwilini jiġu protetti kontra l-evizzjonijiet meta jiġu rrinnovati l-akkomodazzjonijiet;

7. Jinnota li sabiex jiġu pprovduti inċentivi għar-rinnovazzjonijiet, b'mod partikolari f'binjiet b'aktar minn appartament wieħed, il-parteċipazzjoni, il-komunikazzjoni u l-inċentivi finanzjarji se jkunu essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament jiżguraw id-disponibilità wiesgħa ta' finanzjament għar-rinnovazzjoni, u l-eliġibbiltà għall-kategoriji kollha ta' sjieda għaliha, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm l-ebda assoċjazzjoni tas-sidien tad-djar;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali u n-Next Generation EU, filwaqt li tqiegħed lill-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fil-qalba tal-politiki ta' rkupru, u tiżgura aċċess ugwali għal proġetti ta' rinnovazzjoni għal kulħadd, peress li l-investiment f'dan il-qasam jista' jaġixxi bħala intervent kontroċikliku b'potenzjal sostanzjali għall-ħolqien tal-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jipprijoritizzaw ir-rinnovazzjoni fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' rinnovazzjoni estensiva ta' mill-anqas 3 % tal-istokk tal-bini Ewropew kull sena; jitlob li tingħata ukoll attenzjoni partikolari lill-binjiet b'riskju għoli li jintlaqtu mit-terremoti fir-reġjuni sismiċi tal-Ewropa;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-ekonomija ċirkolari fis-settur tal-kostruzzjoni, u japplikaw prinċipji ċirkolari bi kriterji ekoloġiċi obbligatorji għall-bini u l-prodotti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, meta jqisu opzjonijiet għar-rinnovazzjoni, biex jiffavorixxu prodotti tal-kostruzzjoni magħmula minn materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, sostenibbli u mhux tossiċi li huma wkoll faċli biex jissewwew u jintużaw mill-ġdid, u biex iħeġġu t-tranżizzjoni mgħaġġla lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għat-tiswin u t-tkessiħ; jenfasizza li djar li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent mibnija b'materjali aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u li jservu għal żmien twil se joħolqu kemm benefiċċji soċjali wiesgħa kif ukoll benefiċċji ekonomiċi individwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu akkomodazzjoni soċjali ekoloġika fil-pjanijiet tagħhom ta' investiment fl-akkomodazzjoni, inklużi l-kriterji ta' sostenibbiltà tal-akkomodazzjoni soċjali;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli tal-akkwist pubbliku jippermettu l-innovazzjoni u s-sħubijiet fit-tul għar-rinnovazzjoni fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali, bħall-approċċ tal-viċinat intelliġenti propost fl-Inizjattiva dwar Akkomodazzjoni Affordabbli fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni;

11. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu programmi u inċentivi għall-familji biex jgħixu viċin ta' xulxin, isaħħu r-rabtiet interġenerazzjonali u jippermettu lill-anzjani li jkollhom jitilqu minn djarhom għal raġunijiet finanzjarji jew ta' saħħa biex isibu akkomodazzjoni ġdida li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn iħallu l-komunitajiet li kienu parti minnhom għal ħafna snin;

Il-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

12. Jitlob li l-UE tistabbilixxi għan biex il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar tintemm sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni aktar effettiva biex tappoġġja lill-Istati Membri fit-tnaqqis u l-qerda tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala prijorità fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni dwar l-EPSR;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali dwar il-Persuni Mingħajr Dar, u jitlob ukoll lill-Istati Membri jadottaw il-prinċipju "l-Akkomodazzjoni l-Ewwel", u jagħtu prijorità lill-għoti ta' akkomodazzjoni permanenti lill-persuni mingħajr dar anke permezz ta' miżuri proattivi u reattivi bħala parti mill-Istrateġiji Nazzjonali dwar il-Persuni Mingħajr Dar tagħhom, abbażi ta' konsultazzjoni sistemika mal-NGOs li jaħdmu fil-qasam ta' persuni mingħajr dar, il-faqar u d-diskriminazzjoni;

14. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli tesplora l-implimentazzjoni ta' mudelli eżistenti ta' suċċess, bħall-Akkomodazzjoni l-Ewwel, permezz ta' strumenti ta' finanzjament adegwati bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

15. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kollaborazzjoni interministerjali u intergovernattiva fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tali strateġiji, kif ukoll tal-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati ewlenin, u jħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;

16. Jisħaq fuq l-importanza ta' ġbir ta' data affidabbli dwar il-persuni mingħajr dar, inkluża l-kundizzjoni ta' żgħażagħ mingħajr dar, bl-involviment tal-NGOs u l-awtoritajiet rilevanti attivi fil-provvista ta' servizz għal persuni f'riskju li jispiċċaw mingħajr dar jew li qed jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw definizzjoni qafas komuni u indikaturi koerenti dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE, li jippermettu fehim komuni, tqabbil sistematiku u valutazzjoni tal-kobor tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-Istati Membri differenti tal-UE; u li tippermetti li r-rati ta' persuni mingħajr dar jiġu mmonitorjati b'mod sistematiku fil-livell tal-UE permezz ta' istituzzjonijiet bħall-Eurostat; jitlob li jintużaw għodod eżistenti bħat-Tipoloġija Ewropea tal-Persuni Mingħajr Dar u l-Esklużjoni minn Akkomodazzjoni;

17. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri u jimplimentaw programmi għaż-żgħażagħ li jagħlqu t-18-il sena u jkunu f'riskju li jispiċċaw mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju liż-żgħażagħ biex jimxu lejn għajxien indipendenti, filwaqt li ttejjeb l-aċċess għal informazzjoni dwar fondi għal akkomodazzjoni affordabbli, u tiżgura li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ riveduta tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-kundizzjoni ta' żgħażagħ mingħajr dar, li qed tiżdied f'ħafna pajjiżi tal-UE;

18. Jilqa' l-attenzjoni għall-persuni LGBTIQ mingħajr dar, b'mod partikolari ż-żgħażagħ LGBTIQ mingħajr dar, fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-Persuni LGBTIQ; jistieden lill-Kummissjoni toħloq għodod għal ġbir tad-data msaħħaħ, trawwem ir-riċerka fl-UE kollha, u tiffaċilita l-iskambju ta' approċċi biex tindirizza l-problema tal-persuni LGBTIQ mingħajr dar bejn l-Istati Membri;

19. Itenni t-talba tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014 biex tintemm il-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar u jinbidlu l-prattiki diskriminatorji li jintużaw biex il-persuni mingħajr dar ma jitħallewx ikollhom aċċess għas-servizzi soċjali u d-djar ta' kenn;

20. Jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropew għad-Drittijiet Fundamentali biex twettaq aktar monitoraġġ tar-reati ta' mibegħda u inċidenti motivati mill-aporofobija; jisħaq fuq il-fatt li l-faqar u l-persuni mingħajr dar mhumiex reati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi fil-politiki pubbliċi tagħhom biex jiggarantixxu s-sikurezza tal-persuni mingħajr dar u jintroduċu l-aporofobija fil-politiki tas-sigurtà pubblika tagħhom bħala reati ta' mibegħda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprojbixxu u jindirizzaw id-diskriminazzjoni abbażi tal-istat ta' persuni mingħajr dar jew stat ta' akkomodazzjoni ieħor, u jħassru l-liġijiet u l-miżuri kollha li jikkriminalizzaw jew jippenalizzaw il-persuni minħabba li ma għandhomx dar jew l-imġiba assoċjata mal-fatt li wieħed ma jkollux dar, kif ukoll jipprojbixxu t-tneħħija sfurzata ta' persuni mingħajr dar minn spazji pubbliċi, sakemm dawn ma jingħatawx alternattiva ta' akkomodazzjoni sikura, u l-qerda tal-affarijiet personali tagħhom;

21. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li miżuri eċċezzjonali biex tiġi evitata l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jiġu protetti l-persuni mingħajr dar matul il-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari moratorji fuq l-evizzjonijiet u l-iskonnessjonijiet mill-provvista tal-enerġija, u l-provvista ta' akkomodazzjoni temporanja, jinżammu sakemm ikun meħtieġ u li jiġu segwiti b'soluzzjonijiet adegwati u permanenti; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw u jippromwovu l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-karità li jipprovdu servizzi tas-saħħa u soċjali lil persuni mingħajr dar u li jgħinuhom jipproteġu ruħhom mill-COVID-19;

22. Jirrikonoxxi li f'xi sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħal meta n-nies ikunu qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet amministrattivi prekarji jew għall-vittmi ta' vjolenza domestika, għandhom ikunu disponibbli soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza bħal djar ta' kenn għal dawk fil-bżonn; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ħadd ma jkun sfurzat jorqod fit-triq minħabba nuqqas ta' alternattivi diċenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jippromwovu aċċess bla kundizzjonijiet għal dawk kollha li jeħtiġuh għal djar ta' kenn ta' emerġenza ta' kwalità adegwata f'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa kbira ta' akkomodazzjoni; jisħaq, madankollu, li dawn għandhom ikunu biss soluzzjoni temporanja, u mhumiex alternattiva għal soluzzjonijiet strutturali bħall-prevenzjoni u l-għoti ta' akkomodazzjoni u appoġġ soċjali adegwati biex tiġi indirizzata l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

23. Ifakkar li n-nisa huma partikolarment esposti għall-kriżi tal-akkomodazzjoni; jenfasizza li n-nisa huma aktar affettwati mill-faqar, parzjalment minħabba d-diskrepanza fil-pagi u l-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel, u l-fatt li dawn għandhom aktar ta' spiss impjiegi part time; jenfasizza li l-kundizzjoni ta' nisa mingħajr dar hija ta' spiss inqas viżibbli, u jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod speċifiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ ibbażat fuq il-ġeneri fl-Istrateġiji Nazzjonali tagħhom dwar il-Kundizzjoni ta' Persuna ta' Mingħajr Dar sabiex jappoġġjaw lin-nisa

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

mingħajr dar, li ta' spiss ikunu sofrew trawma kumplessa u jiffaċċjaw trawmatizzazzjoni mill-ġdid, bħal permezz tal-vjolenza domestika u l-abbuż domestiku, is-separazzjoni mit-tfal tagħhom, l-istigmatizzazzjoni u n-nuqqas ta' spazji sikuri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ ibbażat fuq il-ġeneri fil-politiki tagħhom dwar l-akkomodazzjoni, b'mod partikolari billi jappoġġjaw lin-nisa li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet speċifiċi bħal familji b'ġenitur wieħed;

24. Ifakkar li t-tbegħid soċjali u l-kwarantina minħabba l-COVID-19 kellhom impatt drammatiku fuq l-għadd ta' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluża żieda fl-inċidenzi ta' vjolenza domestika u abbuż tat-tfal; ifakkar li ntwera li l-indipendenza ekonomika tan-nisa hija għodda ewlenija biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ finanzjarju għal nisa vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li qed jimxu lejn għajxien indipendenti, filwaqt li jsaħħu l-aċċess għal informazzjoni dwar il-finanzjament għal akkomodazzjoni affordabbli, bħala mod kif jittejbu l-indipendenza ekonomika u l-livell ta' għajxien tagħhom;

25. Jitlob li tiġi stabbilita strateġija komprensiva u integrata kontra l-faqar b'mira ffissata għat-tnaqqis tal-faqar, inkluż għall-faqar fost it-tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-dritt tat-tfal għal akkomodazzjoni adegwata jiġi implimentat, inkluż billi jipprovdu appoġġ relatat għal ġenituri b'diffikultà biex iżommu jew ikollhom aċċess għal akkomodazzjoni, sabiex jibqgħu mat-tfal tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ li joħorġu minn istituzzjonijiet ta' assistenza tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Garanzija Ewropea għat-Tfal sa mhux aktar tard mill-2021, b'baġit iddedikat ta' EUR 20 biljun, li permezz tal-implimentazzjoni tagħha tiżgura, fost l-oħrajn, li kull tifel u tifla fl-UE jista' jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni diċenti;

26. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għall-akkomodazzjoni diċenti għal kulħadd, jiġġieldu kontra r-razziżmu u l-anti-Żingariżmu, u jiggarantixxu li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Karta, kif ukoll tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, il-qafas tal-UE għall-implimentazzjoni ta' Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jitlob li jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni intersezzjonali; jistieden lill-Kunsill jadotta malajr id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa b'mod effettiv l-impenn politiku tal-Istati Membri, u tniedi proċeduri ta' ksur kontra dawk li ma jinfurzawx il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jew li jikkriminalizzaw lill-persuni mingħajr dar;

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddefinixxu u jimplimentaw politiki kontra s-sidien ta' kwartieri foqra u dawk li jikru proprjetà bil-kera massima mitluba mis-suq, u jikkondividu prattiki tajba dwar dawn il-politiki;

28. Jinnota bi tħassib kbir li l-kundizzjonijiet tar-Rom għadhom estremament inkwetanti b'ħafna minnhom ta' spiss jgħixu f'insedjamenti segregati kkaratterizzati minn kundizzjonijiet ta' għajxien inferjuri; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu d-desegregazzjoni spazjali u jinvolvu lill-benefiċjarji Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istadji kollha ta' proġetti ta' akkomodazzjoni, sabiex jiġi żgurat b'mod effettiv li dawn jiġu pprovduti bl-informazzjoni biex jibbenefikaw mill-fondi eżistenti, kif ukoll mill-politiki u l-mekkaniżmi kontra d-diskriminazzjoni biex jipprevjenu l-evizzjonijiet sfurzati, u jipprovdu siti ta' akkoljenza suffiċjenti u xierqa għal persuni Rom mhux sedentarji; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' kampanji ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni pubblika, kif ukoll ta' investimenti pubbliċi f'dan ir-rigward, li saħansitra saru wkoll aktar meħtieġa minħabba l-perikli tal-pandemija tal-COVID-19; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ppjanat, kif maħsub biex jittejbu l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-impjiegi sabiex ħadd ma jitħalla jaqa' lura, inklużi r-Rom;

29. Iwissi li sabiex kwalunkwe evizzjoni tikkonforma mal-liġi dwar id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, għadd ta' kriterji jridu jiġu ssodisfati, inkluż impenn sinifikanti fil-konfront ta' dawk affettwati, l-esplorazzjoni tal-alternattivi vijabbli kollha, ir-rilokazzjoni għal akkomodazzjoni adegwata li dwarha jkun intlaħaq qbil mill-unitajiet domestiċi affettwati sabiex ħadd ma jisfa mingħajr dar, kif ukoll l-aċċess għal ġustizzja biex tiġi żgurata ġustizzja proċedurali, u l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li fejn ma jiġux issodisfati dawn il-kriterji, l-evizzjonijiet jitqiesu li kienu sfurzati u li jikkostitwixxu ksur tad-dritt għall-akkomodazzjoni; jitlob li l-evizzjonijiet sfurzati kif iddefiniti skont il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jiġu pprojbiti fiċ-ċirkostanzi kollha;

30. Jinnota bi tħassib kbir li l-persuni b'diżabilità ta' spiss jiffaċċjaw diversi sfidi kumplessi u tipi differenti ta' privazzjoni tad-drittijiet fil-qasam tal-akkomodazzjoni, bħan-nuqqas tad-dritt tagħhom li jgħixu fil-komunità b'opportunitajiet indaqs, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi bbażati fil-komunità li huma meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal għajxien fil-komunità, il-fatt li ta' spiss jiġu mġiegħla jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali segregati, il-faqar, in-nuqqas ta' aċċess tagħhom għal programmi ta' akkomodazzjoni, l-ostakli eżistenti għall-aċċessibbiltà, eċċ.;

ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità timponi obbligi fuqhom; jitlob deistituzzjonalizzazzjoni rapida fl-Ewropa kollha u li l-fondi nazzjonali u tal-UE disponibbli jintużaw biex jinħolqu akkomodazzjonijiet aċċessibbli u mhux segregati u biex jiġu pprovduti s-servizzi meħtieġa bbażati fil-komunità għall-persuni b'diżabilità bil-għan li jiġi ssalvagwardjat id-dritt tagħhom li jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità, u jkollhom opportunitajiet ugwali biex jipparteċipaw fis-soċjetà;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ebda fond tal-UE jew tal-Istati Membri ma jintuża għal proġetti ta' akkomodazzjoni li jwasslu għal segregazzjoni jew esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri jqisu dejjem il-kwalità tal-akkomodazzjoni f'termini ta' żvilupp urban, arkitettura u funzjonalità, sabiex jittejjeb il-benessri għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu programmi u inċentivi li jrawmu u jsaħħu r-rabtiet interġenerazzjonali li jippermettu lill-persuni, b'mod partikolari l-anzjani, li jkollhom jitilqu minn djarhom għal raġunijiet finanzjarji jew ta' saħħa, biex isibu akkomodazzjoni ġdida li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn iħallu l-komunitajiet tagħhom;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimponu obbligu ġenerali biex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-aċċessibbiltà fil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni ppjanata ta' bini pubbliku u privat, u jużaw il-potenzjal tagħha biex itejbu l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani, kif ukoll għal dawk b'diffikultajiet motorji u sensorjali, sabiex l-akkomodazzjoni ssir komda għall-abitanti tagħha u "li tibqa' valida għall-futur" fid-dawl taż-żieda fit-tibdil demografiku;

Approċċ integrat għal akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli fil-livell tal-UE

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-akkomodazzjoni wieħed mill-elementi fundamentali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSR; ifakkar li l-politiki, il-programmi ta' finanzjament u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni, fuq il-kwalità tal-istokk tal-akkomodazzjoni u fuq il-ħajja taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa b'mod urġenti strateġija integrata għal akkomodazzjoni soċjali, pubblika, mhux segregata u affordabbli fil-livell tal-UE li toħloq qafas abilitanti għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi żgurata l-provvista ta' akkomodazzjoni ta' kwalità sikura, tajba għas-saħħa, aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti minn din l-istrateġija, ittejjeb l-azzjoni tagħha biex tinvolvi l-livelli kollha tal-gvern fl-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tad-dritt għal akkomodazzjoni diċenti għal kulħadd;

34. Jilqa' l-inklużjoni tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tal-prinċipji tal-EPSR, għall-ilħuq tal-SDGs tan-NU, u l-għanijiet klimatiċi tal-UE kif iddefiniti fil-Patt Ekoloġiku; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni; jiddikjara li fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma għandhom jiġu inklużi pjanijiet nazzjonali għal akkomodazzjoni affordabbli, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji speċifiċi biex jindirizzaw l-ostakli għad-dritt għall-akkomodazzjoni bħad-diskriminazzjoni, l-ispekulazzjoni, is-self predatorju, il-ħtif tal-art, il-kunflitti, l-evizzjonijiet sfurzati, id-degradazzjoni ambjentali u l-vulnerabbiltà għad-diżastri;

35. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rfinat l-Indikatur tal-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Bini; iqis li l-akkomodazzjoni tkun affordabbli jekk il-baġit li jifdal tal-okkupant ikun tal-anqas biżżejjed biex ikopri nefqiet oħra essenzjali għal ħajja dinjituża; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata definizzjoni komprensiva tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE filwaqt li titqies firxa wiesgħa ta' indikaturi bħar-rati ta' evizzjoni u ta' faqar; jirrimarka li l-limitu ta' referenza attwali għar-rata tal-piż żejjed fuq l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni ta' 40 % tal-introjtu disponibbli ta' unità domestika ma jirrappreżentax b'mod suffiċjenti l-għadd ta' unitajiet domestiċi li huma mgħobbija żżejjed bl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni; jitlob li ssir valutazzjoni mill-ġdid tal-limitu ta' referenza, u jistieden lill-Eurostat jipproduċi sett usa' ta' data dwar in-nefqa fuq l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-unitajiet domestiċi minn 25 % għal 40 % tal-introjtu disponibbli f'intervalli ta' 5 %;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi data aktar preċiża, ta' kwalità u komparabbli dwar is-swieq tal-akkomodazzjoni, u timmonitorja l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni madwar l-UE, inkluż fil-livell lokali u reġjonali, permezz tal-Istatistika Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC) tal-Eurostat u l-Osservatorju Ewropew tal-Faqar Enerġetiku, filwaqt li jitqiesu l-frammentazzjoni tas-swieq nazzjonali tal-akkomodazzjoni u d-differenzi bejn l-Istati Membri;

37. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jintroduċu mill-ġdid il-Laqgħat Informali tal-Ministri inkarigati mill-Akkomodazzjoni, jinvolvu wkoll lill-Parlament f'dawn il-laqgħat, jifthuhom għall-partijiet ikkonċernati u jippreżentaw format rivedut tal-Punti Fokali dwar l-Akkomodazzjoni, sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u tiġi pprovduta pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-provvista ta' akkomodazzjoni diċenti u affordabbli;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkollaboraw dwar il-finanzjament ta' investimenti soċjali bl-għan li jsolvu l-problemi relatati mal-akkomodazzjoni mas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, li ħafna minnhom għandhom u jista' jkollhom rwol ewlieni fl-iżvilupp u ż-żamma ta' soluzzjonijiet adegwati tal-akkomodazzjoni għal dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;

39. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu aktar fi djar tal-kura aċċessibbli għall-anzjani, b'servizzi ta' kura ta' kwalità, aċċessibbli għal firxa usa' tal-popolazzjoni anzjana;

L-iżgurar tas-sigurtà tal-pussess tal-art u tas-swieq tal-akkomodazzjoni inklużiva

40. Jirrimarka li 25,1 % tal-kerrejja Ewropej li jħallsu kirjiet tal-prezz tas-suq jonfqu aktar minn 40 % tal-introjtu tagħhom fuq il-kera, u li bħala medja l-kirjiet qed jiżdiedu b'mod kostanti ([43]); jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jistabbilixxu dispożizzjonijiet legali, inklużi regolamenti ċari dwar il-kiri, biex jipproteġu d-drittijiet tal-kerrejja u tas-sidien okkupanti, u biex irawmu s-sigurtà kemm għas-sidien kif ukoll għall-kerrejja u jipprevjenu l-evizzjonijiet, inkluż wara miżuri ta' rinnovazzjoni, u jinkludu lil dawk li jgħixu f'abitazzjoni esproprjata mill-Istat parti minn proċess ta' restituzzjoni; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jiżguraw miżuri ta' trasparenza tal-kera u jipprovdu appoġġ lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq il-protezzjoni tal-kerrejja u lis-sidien okkupanti, u jistabbilixxu proċeduri ta' soluzzjoni legali għal tilwim ta' livell baxx;

41. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politiki dwar l-akkomodazzjoni li huma bbażati fuq il-prinċipju tan-newtralità bejn il-pussess domestiku, l-akkomodazzjoni mikrija privata u l-akkomodazzjoni soċjali mikrija; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta dan il-prinċipju fis-Semestru Ewropew; jemmen li d-dritt għall-akkomodazzjoni ma għandux jiġi ddefinit b'mod ristrett bħala aċċess għal akkomodazzjoni soċjali, iżda f'termini usa', bħala d-dritt li wieħed jgħix ġo dar fil-paċi, is-sigurtà u d-dinjità; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti għal akkomodazzjoni soċjali u ffinanzjata pubblikament biex ikun żgurat aċċess ugwali għall-akkomodazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali biex jipprevjenu s-segregazzjoni soċjali, permezz ta' distribuzzjoni ġeografika usa' tal-akkomodazzjoni soċjali, disponibbli għaċ-ċittadini kollha irrispettivament mill-istat, il-ġeneru, ir-reliġjon jew l-etniċità; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni, u jippromwovu viċinati differenti permezz ta' aċċess imtejjeb għal faċilitajiet ta' kreditu u kiri bid-dritt ta' xiri għaż-żgħażagħ, familji b'introjtu baxx u medju, u persuni minn gruppi soċjalment u ekonomikament żvantaġġati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkollaboraw mas-settur bankarju sabiex joħorġu self affordabbli ggarantit mill-Istat lil dawn il-gruppi, filwaqt li jipprevjenu bżieżaq u dejn eċċessiv;

42. Jistieden lill-Istati Membri jkunu aktar attivi fil-korrezzjoni tal-inugwaljanzi tas-suq tal-akkomodazzjoni, inkluż billi jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar il-funzjonament tas-swieq tal-akkomodazzjoni, in-numru u d-distribuzzjoni ġeografika tat-tranżazzjonijiet, ix-xejriet tal-prezzijiet f'segmenti speċifiċi tas-suq, u l-potenzjal għall-iżvilupp f'segmenti speċifiċi oħra;

43. Jenfasizza li politiki u miżuri xierqa li jappoġġjaw provvista adegwata ta' akkomodazzjoni huma kruċjali biex jiġi bbilanċjat u msaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku tal-akkomodazzjoni sabiex ikun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha u jiżgura ambjent ta' għajxien affordabbli u li jiffjorixxi għal kulħadd; jemmen li l-miżuri meħuda jridu jkunu deliberati, konkreti u mmirati lejn l-implimentazzjoni tad-dritt għall-akkomodazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli u li l-Istat Membri jridu jallokaw riżorsi suffiċjenti u jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet ta' individwi jew gruppi żvantaġġati u emarġinati li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni prekarji; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jiżguraw il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali suffiċjenti, adegwata u affordabbli biex tkopri l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni ta' dawn l-individwi u gruppi;

44. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tagħhom dwar il-bini tad-djar, li se jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19;

45. Jinnota bi tħassib iż-żieda fil-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fil-bliet, fejn l-investituri jittrattaw l-akkomodazzjoni bħala assi negozjabbli aktar milli dritt tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kontribut tal-politiki u r-regolamenti tal-UE għall-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali li jiżguraw id-dritt għall-akkomodazzjoni; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jistabbilixxu miżuri xierqa għall-ġlieda kontra l-investiment spekulattiv, jadottaw politiki li jiffavorixxu investimenti fit-tul fis-suq tal-akkomodazzjoni u jiżviluppaw politiki ta' ppjanar urban u rurali li jiffavorixxu akkomodazzjoni affordabbli, taħlita soċjali u koeżjoni soċjali;

([43]) https://ec.europa.eu/eurostat/cache/digpub/housing/index.html?lang=en

46. Jisħaq li t-trasparenza fir-rigward tas-sjieda u t-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli hija vitali għall-prevenzjoni ta' distorsjonijiet fis-suq tal-akkomodazzjoni u għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus f'dan is-settur; itenni l-obbligu fid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus biex il-Kummissjoni tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2020 dwar il-ħtieġa li tarmonizza informazzjoni dwar is-sjieda tal-proprjetà immobbli u dwar l-interkonnessjoni ta' dawn ir-reġistri nazzjonali sabiex tiġi evitata l-ispekulazzjoni; itenni, għalhekk, it-talba tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 li l-Istati Membri għandu jkollhom stabbilita informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku dwar is-sjieda benefiċjarja aħħarija tal-art u tal-proprjetà immobbli;

47. Jistieden lill-Kummissjoniu lill-Istati Membri jipproteġu aħjar lil min jissellef b'ipoteka kontra l-evizzjonijiet; jisħaq li n-nies li jitkeċċew għandhom ikunu jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom f'qorti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-regoli ta' kondotta vinkolanti attwali għall-krediturі, is-servizzjanti tal-kreditu u xerrejja ta' kreditu biex jiġu evitati prattiki qarrieqa, fastidju u ksur tad-drittijiet tal-konsumatur, tal-anqas sa fejn huwa kkonċernat is-self b'ipoteka, jew jekk ikun xieraq jadottaw regoli ġodda; jemmen li tali regoli għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari rekwiżiti għal miżuri ta' trażżin raġonevoli u vijabbli minbarra dawk previsti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/17/UE; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa biex titressaq proposta leġiżlattiva dwar self minimu biex jiġi vvalutat il-proporzjon tal-valur fis-suq għal kreditu ipotekarju; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-impatt fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni meta tipproponi regoli dwar it-titolizzazzjoni;

48. Jirrimarka li t-tkabbir espansiv tal-kiri għal vaganzi għal żmien qasir qed ineħħi l-akkomodazzjoni mis-suq u jgħolli l-prezzijiet, u dan għandu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja f'ċentri urbani u turistiċi; jistieden lill-Kummissjoni tinterpreta d-Direttiva dwar is-Servizzi f'konformità mal-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (C-390/18), li jistabbilixxi li l-affordabbiltà tad-djar u n-nuqqas ta' akkomodazzjoni tal-kiri huma "raġuni aktar importanti relatata mal-interess pubbliku", u għalhekk tagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex jiddefinixxu regoli proporzjonati għas-servizzi ta' ospitalità, inklużi r-reġistrazzjoni obbligatorja, il-limitazzjoni tal-permessi u l-politiki speċifiċi dwar it-tqassim tat-territorju, il-limitazzjoni tal-perjodu, filwaqt li tevita t-"turistifikazzjoni", it-tbattil taċ-ċentri urbani, u t-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja hemmhekk, għad-detriment tar-residenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali proposta għal obbligi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni obbligatorja għal pjattaformi fis-suq tal-kiri tal-akkomodazzjoni għal żmien qasir, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, billi dan l-aċċess għal informazzjoni huwa essenzjali għall-awtoritajiet sabiex jiżguraw id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli;

49. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li n-nuqqas ta' regolamentazzjoni tas-suq tal-proprjetà immobbli u tal-atturi finanzjarji li joperaw f'dak is-suq sabiex ikun żgurat aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata għal kulħadd, ikun ifisser nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom fir-rigward tad-dritt għall-akkomodazzjoni;

50. jitlob li s-settur tal-akkomodazzjoni jkun inkluż bħala servizz soċjali ta' interess ġenerali, u mhux biss l-akkomodazzjoni soċjali, billi dan huwa essenzjali biex jiġi ggarantit id-dritt għal akkomodazzjoni affordabbli u diċenti għal kulħadd;

Investiment f'akkomodazzjoni soċjali, pubblika, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija

51. Jisħaq li d-diskrepanza fl-investiment għal akkomodazzjoni affordabbli tammonta għal EUR 57 biljun fis-sena ([44]); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-diskrepanza fl-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli bħala kwistjoni ta' prijorità; jitlob f'dan ir-rigward riforma tal-qafas ta' konverġenza ekonomika li tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu l-investimenti pubbliċi ekoloġiċi u soċjali meħtieġa, inkluż dawk relatati mal-iżvilupp u t-titjib ta' akkomodazzjoni soċjali, pubblika u affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm kontabilità armonizzata għall-metodoloġija tal-ammortizzament għal investimenti fl-akkomodazzjoni affordabbli;

52. Ifakkar li bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI), l-akkomodazzjoni soċjali hija eżentata mir-rekwiżiti ta' notifika dwar l-għajnuna mill-Istat; ifakkar li l-akkomodazzjoni soċjali hija l-uniku settur fid-Deċiżjoni dwar l-SGEI li għalih il-Kummissjoni ssemmi grupp fil-mira (ċittadini żvantaġġati jew soċjalment anqas vantaġġati) u li dan mhuwiex il-każ għal servizzi soċjali oħra; jemmen li dan jista' jillimita l-possibbiltà li jkun hemm akkomodazzjoni soċjali u affordabbli għal kulħadd; jirrikonoxxi li ma hemm l-ebda definizzjoni komuni maqbula ta' akkomodazzjoni soċjali fil-livell tal-UE; iwissi, madankollu, li definizzjoni ristretta ta' akkomodazzjoni soċjali li tillimitaha biss għal "akkomodazzjoni għal ċittadini żvantaġġati jew gruppi li jbatu minn żvantaġġ soċjali, li minħabba restrizzjonijiet ta' solvenza ma jkunux jistgħu jakkwistaw akkomodazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq" hija restrittiva u tfixkel il-kapaċità tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-SGEIs u s-servizzi ta' interess ġenerali tagħhom; jisħaq li l-SGEIs fl-akkomodazzjoni għandhom ikunu prinċipalment iggwidati minn rekwiżiti speċifiċi ddeterminati minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew

([44]) Rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa: "It-Titjib tal-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa" (2018).

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021

lokali, peress li dawn l-awtoritajiet għandhom il-kompetenza li jidentifikaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' gruppi differenti, li jistgħu jvarjaw ħafna bejn żoni rurali u urbani, u billi dawn l-awtoritajiet jiżvolġu rwoli kruċjali fit-teħid ta' deċiżjonijiet immirat sew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadatta d-definizzjoni tal-grupp fil-mira ta' akkomodazzjoni soċjali u ffinanzjata minn fondi pubbliċi fir-regoli dwar l-SGEIs, sabiex l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jkunu jistgħu jappoġġjaw l-akkomodazzjoni għall-gruppi kollha li l-ħtiġijiet tagħhom għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli ma jistgħux jiġu ssodisfati f'kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li jiġi allokat biżżejjed finanzjament lil dawk l-aktar żvantaġġati, sabiex jiġi żblukkat l-investiment u jiġu żgurati akkomodazzjoni affordabbli, newtralità fil-pussess ta' akkomodazzjoni u żvilupp urban sostenibbli, u jinħolqu viċinati soċjalment differenti u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali;

53. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jżidu l-investiment fl-UE f'akkomodazzjoni soċjali, pubblika, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, adegwata u affordabbli, u fil-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni; jitlob f'dan ir-rigward li jsir investiment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, l-InvestUE, il-FSE+, l-Orizzont Ewropa u n-Next Generation EU, u speċjalment permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+); jitlob li jkun hemm sinerġiji akbar bejn dawn l-istrumenti; jilqa' l-finanzjament tas-self għax-xiri ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli permezz ta' InvestEU u fil-portafoll usa' tal-BEI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-progress soċjali bħala prijorità ta' investiment, flimkien ma' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex il-persuni vulnerabbli jiġu mħarsa kontra l-impatt negattiv tal-kriżi attwali u biex jiġu inklużi l-pjanijiet ta' progress soċjali fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li jiġi deskritt kif il-prinċipji tal-EPSR se jiġu implimentati u fejn se jiġu indirizzati l-investimenti soċjali, inkluż investiment fl-akkomodazzjoni soċjali; jistieden b'mod urġenti lill-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament tal-UE u tal-BEI jsir aktar aċċessibbli għall-forniturі lokali u reġjonali ta' akkomodazzjoni affordabbli, soċjali u pubblika; jistieden lill-BEI jipprova jsaħħaħ il-ksib rilevanti permezz ta' assistenza teknika mmirata u kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' intermedjarji finanzjarji u l-Istati Membri;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-użu ta' programmi Ewropej li jappoġġjaw il-bini mill-ġdid tad-djar sabiex l-akkomodazzjoni ssir affordabbli;

55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-proġetti ta' kostruzzjoni u ta' riabilitazzjoni tal-akkomodazzjoni futuri kollha jkollhom l-għan li jippromwovu bini intelliġenti, fejn il-konsum tal-ilma u l-enerġija jkun jista' jiġi mmonitorjat u jsir aktar kosteffiċjenti, b'mod konformi mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni Ewropea;

56. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jirrikonoxxu, jappoġġjaw u jiffinanzjaw soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni mmexxija mill-komunità, demokratiċi u kollaborattivi, inklużi t-trusts tal-art tal-komunità, bħala mezzi leġittimi u vijabbli biex jipprovdu akkomodazzjoni tas-suq u soċjali; jitlob li jittieħed approċċ sostenibbli għall-użu tal-art urban, pereżempju billi tingħata prijorità lir-riabilitazzjoni ta' djar abbandunati fuq il-bini ta' oħrajn ġodda;

o

o o

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.